MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru. 70/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**PIER (PIER PAUL) BUTTIGIEG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PIER (PIER PAUL) BUTTIGIEG,** ta’ disgha u tletin (39) sena, iben David Buttigieg u Pauline Buttigieg nee Dingli, imwieled Pieta’ nhar il-31 t’ April 1974, residenti gewwa 7, Triq San Giru, Gudja u detentur tal-karta tal-Identita’ Numru 195874M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-11 ta’ Jannar 2014 bejn it-tmienja ta’ filghaxija (20:00hrs) u l-hdax ta’ filghaxija (23:00hrs) u fil-hinijiet ta’ wara gewwa l-Marsa:

1. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobli tal-familja Attard, liema hsara tammonta ghal 143.10 Ewro;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghalkemm kienu ipprovokati, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil Antonia Attard, Miriana Attard u lil uliedha minuri, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni FBP 556, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur u cioe' Opel bin-numru ta' registrazzjoni FBP 556, naqas li f'kull waqt jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija Ezekuttiva fit-twettiq ta' dmirijiethom;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur u cioe' Opel bin-numru ta' registrazzjoni FBP 556 ecceda l-limitu ta' velocita';

7. Talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien fil-kustodja tal-Pulizija ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-ligi;

8. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija, tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-familja Attard (Miriana u Antonia) u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid, fedina penali, okkorrenza, dikjarazzjoni tar-rifjut u stqarrija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar 2014.

Semghet lill-imputat jobbliga ruhu li jhallas id-danni sofferti mill-familjari Attard sas-seduta sussegwenti u dan fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2014 pero' nonostante dan, baqa' ma ghamel l-ebda hlas.

Rat ir-rikors li gie pprezentat mill-Ufficjal Prosekutur fit-28 ta' Jannar 2014 fejn iddikjarat li l-imputat kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja kif imposti lilu u talbet sabiex jigi revokat il-helsien mill-arrest.

Semghet lill-imputat fis-seduta tas-7 ta' Frar 2014 jaghmel referenza ghall-ammissjoni tieghu kif registrata fil-verbal tat-18 ta' Jannar 2014 u ddikjara li mhux qed jikkontesta li kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja kif allegat fir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat illi l-imputat ma obdiex l-ordni tal-Qorti u sfida l-amministrazzjoni tal-gustizzja u invista tal-fedina penali riflettajra tieghu, il-Qorti thoss illi ghandha timponi piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 17(b) u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg. 124 u 127 L.S. 65.11, tiddikjara li ssib lill-imputat PIER (PIER PAUL) BUTTIGIEG hati tal-akkuzi u tikkundannah sitt xhur prigunerija effettivi.**

**Tordna wkoll li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Mariana Attard u Antonia Attard taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-anness digriet.**

**Inoltre, tordna skwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' sitt xhur mil-lum.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------